MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 457/2002/1

**Av. Roderick Zammit Pace bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Ross S.p.a.**

**-vs-**

**Shelving Systems Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' April, 2002, li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u tletin elf Euro (Euro 39,000)

rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija konsistenti f' materja ta' l-ixkaffar u affarijiet ohra relatati mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess, kif jidher kemm mill-fatturi tas-socjeta' attrici Numri 2852/1999, 3045/1999, 103/2000 u 350/2000, kopji ta' liema fatturi huma hawn annessi bhala Dokumenti B1, C1, D1 u E1, u kif ukoll mid-delivery notes relattivi bin-numri 4030/1999, 4281/1999, 206/2000 u 603/2000, kopji ta' liema delivery notes huma hawn annessi bhala Dokumenti B2, C2, D2 u E2;

Illi permezz ta' itra ddatata 27 ta' Frar 2000, kopja ta' liema ittra hija hawn annessa bhala Dokument F, is-socjeta' konvenuta ammettiet li hija d-debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' LIT 146,334,624 (miljun sitta u erbghin tlett mitt elf u erbgha u tletin sitt mija u erbha u ghoxrin Liri Taljani) li hija ekwivalenti ghal Euro 75,576 (hamsa u sebghin elf hames mija u sitta u sebghin Euro);

Illi mid-data tal-imsemmija ittra, is-somma originarjament dovuta ta' LIT 146,334,624 giet ridotta ghas-somma ta' Euro 39,000 permezz ta' pagamenti li saru mill-istess socjeta' konvenuta liema pagamenti waqfu fit-3 (tlieta) ta' Novembru, 2000, u dana skond Statement iddatat 11 ta' Frar 2002, kopja ta' liema Statement hija hawn annessa bhala Dokument F;

Illi s-socjeta' konvenut giet interpellata diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex thallas ghall-merkanzija fuq imsemmija minnha ordnata u lilha kkonsenjata, u xorta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1) Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici ghas-somma ekwivalenti, fid-data tas-sentenza, f' liri Maltin ta' Euro 39,000 (disgha u tletin elf Euro) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordnijiet taghha stess;

2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ekwivalenti, fid-data tas-sentenza, f' Liri Maltin ta' Euro 39,000 (disgha u tletin elf Euro) ekwivalenti ghal Lm16,250.00 (sitax il-elf u mitejn u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-3 ta' Marzu, 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentati taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa mill-attur nomine fid-19 t' April, 2002 w il-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sittax il-elf, u mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm16,250.00), l-ispejjez tal-kawza, inkluz l-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 2002 kif wkoll l-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------